

DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2009/153/KE**tat-30 ta' Novembru 2009****li temenda l-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE fir-rigward tal-isem komuni u l-purità tas-sustanza attiva tal-proteini idrolizzati****(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Artikolu 2

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

L-Istati Membri għandhom jadottaw u jipubblikaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex ikunu konformi ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mit-28 ta' Frar 2010. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet u t-tabella ta' korrelazzjoni bejn dawn id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti⁽¹⁾, u b'mod partikolari t-tieni inċiż tat-tieni sottoparagrafu tal-Artikolu 6(1) tagħha,

Billi:

Huma għandhom japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet mill-1 ta' Marzu 2010.

(1) Id-Direttiva 91/414/KEE kienet emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/127/KE⁽²⁾ biex tinkludi ċerti proteini idrolizzati.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom ikollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'referenza bħal din fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jstabbilixxu kif għandha ssir din ir-referenza.

(2) L-Istat Membru relatur irċieva informazzjoni addizzjonali dwar proteini idrolizzati. Jidher li l-proteini idrolizzati jistgħu jiġu oriġinati minn ħafna komposti organiċi differenti. Għalhekk huwa xieraq li wieħed jirreferi għall-isem komuni u l-ispeċifikazzjonijiet ta' purità, kif stabbilit fir-rapport ta' revizzjoni dwar il-proteini idrolizzati.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

(3) Għaldaqstant, id-Direttiva 91/414/KEE għandha tiġi emendata skont dan.

Artikolu 4

(4) Il-miżuri previsti f'din id-Direttiva huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Novembru 2009.

Artikolu 1

L-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE huwa emendat skont l-Anness ta' din id-Direttiva.

Għall-Kummissjoni

Androulla VASSILIOU

Membru tal-Kummissjoni

(¹) ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1.

(²) ĠU L 344, 20.12.2008, p. 89.

ANNEX

Fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE, ir-ringiela 240 tinbidel b'dan li ġej:

NRU	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità ⁽¹⁾	Dħul fis-seħħ	Skadenza tal-inklużjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
"240	<p>PROTEINI IDROLIZZATI</p> <p>Nru tas-CAS: mhux assenjat</p> <p>Nru CIPAC: mhux assenjat</p>	Mhux disponibbli	Rapport ta' reviżjoni (SANCO/2615/2008)	L-1 ta' Settembru 2009	fil-31 ta' Awwissu 2019	<p>PARTI A</p> <p>L-użu bħala attirant biss jista' jiġi awtorizzat. Proteini idrolizzati li ġejjin mill-annimali jridu jkunu konformi mar-Regolament (KE)1774/2002</p> <p>PARTI B</p> <p>Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi tal-Anness VI, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-proteini idrolizzati (SANCO/2615/2008) u b'mod partikolari l-Appendiċi I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti tal-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali għandhom jitqiesu.</p> <p>Il-kundizzjonijiet ta' użu għandhom jinkludu miżuri għat-tnaqqis tar-riskju, fejn xieraq."</p>

⁽¹⁾ Aktar dettalji dwar l-identità u l-ispeċifikazzjoni ta' sustanzi attivi huma pprovduti fir-rapport ta' reviżjoni.